MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha ghoxrin (20) ta' Gunju 2018**

**Rikors Numru 3/15 FDP**

**Gemvida Limited (C-3558)**

**vs**

**Francis Galea (ID 891950M), Joseph Galea (737956M), Carmen Galea (540148M), Alessandra Gauci (97152M), Emanuel Galea (728153M), Anna Calleja (238358M), Mary Vassallo (33960M) u Jimmy Galea (2466661M)**

Il-Bord:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 25 ta' Gunju 2015 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Bord il-presenti:

> *Illi l-esponenti hija proprjetarja ta' zewg porzjonijiet ta' art maghrufa bl-ismijiet "Tal-Port u Tal-Ghandar, fiz-Zebbiegh, Mgarr, Malta, tal-kejl komplessiv ta circa tmintax il-tomna, liema art kienet originarjament imgabbla lil certo Pio Galea, prezumibbilment I-antenat tal-intimati versu il-qbiela ta' dsatax (19)-il Euro pagabbli bil-quddiem fil-hmistax (15) ta' Awissu ta kull sena.*
>
> *Illi parti sostanzjali minn dawn l-artijiet huwa xaghri u ma jinhadimx, u ghalhekk ma jaqax taht id-definizzjoni ta' "raba" skond il-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *Illi ghalhekk ma hemmx lok li tiggedded il-kirja ghall-parti tal-artijiet li ma jikkwalifikawx bhala raba' ghall-finijiet tal-ligi.*
>
> *Illi inoltre, il-qbiela pagabbli ghar-raba' li jinsab f'idejn l-intimati jew min minnhom huwa baxx paragunat ma' raba' tal-istess dags u bl-istess kwalita' u profondita' ta hamrija.*

*Illi ghalhekk, hemm lok ukoll li I-qbiela pagabbli lill-esponenti tigi awmentata ghal rata ekwa u gusta ghaz-zminijiet tal-lum ghal raba' tal-istess daqs u kwalita'.*

*Illi I-esponenti diga' interpellat lill-intimati ai termini tal-artikolu 11 tal-Kap. 199 permezz ta ittra ufficjali datata 12 ta' Settembru 2014.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-esponenti titlob li dan il-Bord joghgbu:*

*(i) jawtorizza lill-esponenti tiehu lura I-pussess ta' dik il-parti mill-artijiet hawn fuq imsemmija li ma tinhadimx u li ma tikkwalifikax bhala "raba" ai termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta, okkorrendo bin-nomina ta' perit tekniku sabiex ji dik il-parti preciza mill-artijiet li ma tinhadimx u li ma tikkwalifikax bhala "raba".*

*(ii) jordna t-tibdil fil-kundizzionijiet tal-kiria favur I-intimati jew min minnhom tal-parti mir-raba li tinhadem u jawmenta l-qbiela pagabbli lill-esponenti ghal rata ekwa u gusta ghaz-zminijiet tal-lum u ghal raba' tal-istess daqs u kwalita'.*

*(iii) jordna li dan I-awment japplika wkoll ghal qbiela kollha dovuta lill-esponenti sallum*

*(iv) f'kull kaz, jordna li l-intimati jew min minnhom ikunu wahedhom responsabbli ghal kwalunkwe manutenzjoni jew tiswija, sija ordinarja kemm straordinarja;*

*(v) jordna li l-intimati jkun projbiti milli tissullokaw ujew icedu b'mod shih jew in parti l-inkwilinat tal-ghalqa;*

*(vi) jordna li l-intimati jkunu projbiti milli jaghtu lil terzi kwalunkwe dritt ta' uzu, inkluz ghal kacca, anke ta' xi parti mill-ghalqa, jew li jippermettu lil terzi, anke bla hlas, li jaghmlu uzu minnha*

*(vii) fkull kaz ukoll, jordna li l-intimati jew min minnhom ikunu projbiti milli jissullokaw u/jew icedu b'mod shih jew in parti l-inkwilinat tal-ghalga, u li jkunu projbiti wkoll milli jaghtu lil terzi kwalunkwe dritt ta' uzu, inkluz, ghal kacca, anke ta' xi parti mill-ghalqa, jew li jippermettu lil terzi, anke bla hlas, li jaghmlu uzu minnha.*

*Bl-ispejjez*

Ra ir-risposta ta' l-intimati ppresentat fis 16 ta' Ottubru 2015 fejn laqghu ghal dak mitlub billi qalu s-segwenti:

*Illi fl-ewwel lok jigi sottomess li fil-ligi L-kirja hija kirja wahda u ma hemm l-ebda poter fdat lill-Bord jew previst fil-ligi biex din il-kirja tigi terminata in parte u mhux ghall-qbija; bhala kirja wahda ma hemm l-ebda raguni ghaliex dik il-kirja tigi terminata jew ir-raba mikrija tigi mnaqqsa;*

*Illi dwar ir-raba, r-raba kollha hija uzata ghall-skop agrikolu u kull raba isservi lis-skop taghha skond in-natura taghha; ma hemm xejn fil-ligi li raba xaghri ma jistax jigi mqabbel ghall-agrikoltura jew li jiggustifika t-terminazzjoni ta' qbiela ghaliex ir-raba huwa xaghri;*

*Illi dwar awment jew fisazzjoni ta' qbiela, I-esponent dejem hallas il-qbiela pattwita jew offra li jhallasha anke jekk din ma gietx recentement accettata; illi I-esponent qatt ma*

> *kien jaf li r-rikorrent xtaq jirrevedi dik il-qbiela u kieku gie avvicinat kien jipprova jasal ghall-ftehim ragonevoli; anke f'dan i-kuntest ir-rikorrent mhux jiddikjara x'hinuwa jippretendi bhala qbiela u ghallhekk I-esponent mhux possibili ghalih li jaderixxi ma' tali talba maghmilha minghajr ma wiehed jispecifika x'qieghed jippretendi. Jekk hemm lok ghall-awment, dan ghandu jopera fic-cirkostanzi tal-kaz mid-data li dak l-awment jigi ffissat.*

Ra illi fil 25 ta' Novembru 2015 is-socjeta rikorrenti ppresentat site plan taz-zewgt bicciet art meritu tal-kawza odjerna. (fol 19)

Ra illi fil 25 ta' Novembru 2015 il-Bord appunta lill Perit Edgar Rossignaud u s-Sur Anthony Mifsud bhala Membri Tekinici sabiex jassistu l-Bord.

Sema ix-xhieda ta' **Joseph Borg**, in rappresentanza tal-Ghammieri, moghtija fis 17 ta' Mejju 2017 u prodott mir-rikorrenti flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebiti ossija site plans tal-art meritu tal-kawza odjerna kif hi maqsuma fost il-varji intimati.

Sema ix-xhieda ta' **Alexandra Gauci**, wahda mill-intimati, moghtija fis 17 ta' Mejju 2017 u prodott mir-rikorrenti.

Sema ix-xhieda ta' **Joseph Galea**, wiehed mill-intimati, moghtija fis 17 ta' Mejju 2017 u prodott mir-rikorrenti.

Sema ix-xhieda ta' **Carmen Galea**, wahda mill-intimati, moghtija fis 17 ta' Mejju 2017 u prodott mir-rikorrenti.

Sema ix-xhieda ta' **Mary Vassallo**, wahda mill-intimati, moghtija fis 17 ta' Mejju 2017 u prodott mir-rikorrenti.

Ra illi fit 18 ta' Mejju 2016 il-Membri Teknici ppresentaw ir-rapport taghhom. (fol 22)

Sema ix-xhieda ta' **Anna Calleja**, wahda mill-intimati, moghtija fil 11 ta' Ottubru 2017 u prodott mir-rikorrenti.

Sema ix-xhieda ta' **Francis Galea**, wiehed mill-intimati, moghtija fil 11 ta' Ottubru 2017 u prodott mir-rikorrenti.

Sema ix-xhieda ta' **Emanuel Galea**, wiehed mill-intimati, moghtija fil 11 ta' Ottubru 2017 u prodott mir-rikorrenti.

Sema ix-xhieda ta' **John Mary Galea**, wiehed mill-intimati, moghtija fil 11 ta' Ottubru 2017 u prodott mir-rikorrenti.

Sema ix-xhieda ta' **Joseph Borg**, in rappresentanza tal-Ghammieri, moghtija fil 11 ta' Ottubru 2017 u prodott mir-rikorrenti flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebiti ossija site plans antiki tal-art meritu tal-kawza odjerna kif hi maqsuma fost il-varji intimati kif ukoll records tar-raba kif maghhom registrati.

Ra ir-rapport addizzjonali tal-Membri Teknici ppresentat fil 15 ta' Novembru 2017. (fol 127)

Ra id-domandi in eskussjoni illi saru mir-rikorrenti fl-24 ta' Jannar 2018 (fol 128) ghal liema domandi irrispondew fid 19 ta' Frar 2018 (fol 131)

Ra illi fis 7 ta' Marzu 2018 il-Bord gie mgharraf illi l-partijiet kienu ser jippruvaw jaslu ghal ftehim filwaqt illi fid 9 ta' Mejju 2018 il-Bord gie mgharraf illi l-partijiet ma waslux ghal ftehim u ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sentenza fuq il-provi prodotti.

## Ikkunsidra

Jirrizulta illi l-art in kwistjoni propjeta tas-socjeta rikorrenti tikkonsisti f'zewgt porzjonjiet ta' art, wahda tal-kejl ta' cirka erbghat itmiem maghrufa bhala 'Tal-Andar' indikata mill-Membri Teknici bhala Plot A u ohra tal-kejl ta' cirka erbghata-il tomna maghrufa bhala 'Tal-Port' indikata mill-Membri Teknici bhala Plot B.

Jirrizulta illi ghalkemm s-socjeta rikorrenti ma ppresentat ebda dokumentazzjoni insostenn tat-titolu taghhom fuq tali propjeta, jidher illi l-intimati, fid-difiza taghhom, ma kkontestawx tali dritt, u ghalhekk il-Bord jifhem illi ma huwiex kontestat illi s-socjeta rikorrenti hija sid taz-zewgt porzjonjiet meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti, fir-rikors promotur taghha, qieghda titlob zewgt affarjiet primarjament, ossija li tiehu lura pussess tal-bicca ta' art illi ma tikkwalifikax bhala 'raba' kif ukoll tawmenta l-qbiela dovuta filwaqt illi tbiddel il-kundizzjonijiet tal-kirja.

Jirrizulta illi, da parte taghhom, l-intimat jikkontendu illi r-raba hija kirja wahda u ghalhekk ma tistax tigi terminata in parte kif rikjest mis-socjeta rikorrenti. Jikkontentu ukoll illi huma qatt ma gew avvicinati biex tinzdied il-qbiela, liema qbiela, jekk tizdied, ghandha tizdied minn meta tigi stabbilita 'l quddiem u mhux kif rikjest.

## Ikkunsidra

Jirrizulta illi l-Membri Teknici, waqt l-access illi huma ghamlu, kellhom dan x'josservaw:

> *Ir-raba in kwistjoni jikkonsisti f'zewg porjonijiet immarkati 'A' u 'B' fuq il-Google Map hawn annessa, dik mmarkata 'A' mahrufa bhala 'Tal-Andar' u l-ohra mmarkata 'B' bhala Tal-Port', it-tnejn fil-limiti taz-Zebbiegh, Mgarr, Malta.*
>
> *L-ewwel access sar fuq ir-raba 'A' li kejl ta' circa erbghat itmien u li ghandu access minn fetha fil-hajt tas-sejjiegh (Rit nru 01), fi sqaq fi triq li taghti ghal-San Martin. Dan huwa raba baxx u mtarrag bi ftit irqajja blat fuq in-naha ta' gewwa u fil-genb. Dan ir-raba jista jitqies li huwa fformat min tlett ghelieqi, hawn immarkata numri 1 sa 3.*
>
> *L-ghalqa mmarkata nru 1 kienet mizrugha bil-qamh (Rit nru 02), hemm ukoll harrubau zebbuga. L-ghalqa nru 2 kienet ukoll bil-qamh (Rit nru 03), u fiha ukoll harruba u zebbuga, u anki 'girna' (Rit nru 04) li huwa fi stat tajeb. It-tielet ghalga (Rit nru 05) kienet nofsha mahruta u nofsha qamh - hemm ukoll irqajja zghar blat.*
>
> *B'kumment generali, r-raba hu baxx bi ftit blat u r-raba li seta jinhadem, kien kollu mahdum sew. Wiehed mil-hitan tas-sejjiegh kien pjuttost daqsxejn imharbat (Rit nru 06). Il-periti legali jixtiequ jigbdu l-attenzjoni li I-ftit blat li hemm f'din il-parti tar-raba*

*(Rit nru 08) fih il-harrub u huwa ferm, u mhux prattikabbli li wiehed jissegregah mill-bqija tar-raba, anke minhabba li jrid jigi kkrejat access minn fuq ir-raba l-iehor.*

*It-tieni access sar fuq ir-raba 'B' maghrufa Tal-Port', li ghandu access dirett minn fuq Triq il-Bidnija u li ghandu kejl ta' circa 14 il-Tomna. Din l-art hija maqsuma min moghdija wiesgha (Rit nru 09) li generalment tifred il-parti li hija xaghri mill-kumplament tar-raba. Il-parti tar-raba immarkata nru.1 hija prattikament kollha blat b'hafna harrub ta' kul daqs ghajr parti zghira mahduma u parti ohra li ttiehdet mil-gvern fejn thaffret spiera (Water Services borehole).*

*L-ghalqa nru. 2 hija kollha mahduma bi prodotti ta' ful u basal (Rit. Nru 10 u 11)*

*L-ghalqa nru. 3 hija kwazi kollha mahduma u kien fiha qamh, ftit tewm, tadam, tadam tal-qasab u ftit 'plastic tunnels' bi frawli u tadam (Rit nru 17 u 18). Fil-parti li ma tinhadimx, ghax blat, kien hemm tlett harrubiet.*

*Fil-partijiet numru 4 u 5 kien hemm basal, ful u zebbuga, kif ukoll kamra zghira.*

*Il-parti mmarkata numru 6 kienet kollha blat u xaghri (Rit nru 12)*

Ra illi, fuq talba tas-socjeta rikorrenti sabiex jindikaw jekk l-art hijiex divizibbli u kemm ghandu jkun l-awment tal-qbiela, l-Membri Teknici rrelataw li gej:

*Wara li ergajna rajna in-noti taghna waqt I-Access kif ukoll ir-ritratti kollha mehudin dak in-nhar, u hadna kunsiderazzjoni tal-fatt li parti sostanzjali minn dan ir-raba ma tistax tintuza ghal skop agrikolu, wasalna ghall- opinjoni li l-qbiela gjusta ghal dan ir-raba ghandu jkun ta' 180 (mija u tmenin Ewro) fis-sena.*

*Dwar it-tieni talba tar-rikorrent, Infakkru dak li ghadna fir-Rapport taghna, jigifieri li "mhux prattikabbli li wiehed issegregah mill-bqija tar-raba, anke minhabba li jrid jigi kkrejat access minn fuq ir-raba l-iehor".*

Ra illi s-socjeta rikorrenti ghamlet domandi in eskussjoni illi ghalihom l-Membri Teknici rrispondew kif gej:

***Domanda nru 1:*** *Jistghu l-Periti membri jikkonfermaw jekk il-qbiela minnhom stabbilita ta' €180 fis-sena tirreferix ghal-rata ta' €180 il-tomna fis-sena, jew jekk I-istess ammont huwa komplessiv ghall- artijiet kollha mertu ta' din il-kawza.*

***Risposta:*** *La darba skont ir-rikors il-lokazzjoni hija wahda ghaz-zewg bicciet tar-raba, il-qbiela iffissat hija ghar-raba kollu f'daqqa u naturalment ikopri r-raba kollu u mhux kull tomna.*

***Domanda nru 2****: Jekk it-twegiba ghall ewwel mistoqsija tkun fis-sena li l-ammont indikat fir-rapport addizzionali tal-Periti Membri tad-9 ta' Novembru 2017 hija wahda komplessiva ghall-art kollha, jistghu allura I-Periti Membri jikkonfermaw jekk ir-rata stabbilita minnhom tapplikax bl-istess mod ghal tomna b'raba agrikolu u ghal tomna xaghri?*

***Risposta**: Meta jigi iffissat il-qbiela tittiehed konsiderazzjoni tat-tip ta' raba, jekk huwiex saqwi, baghli u blat jew raba baxr, kif ukoll kemm minnu jista jinhadem u kemm ma jistax jinhadem, u b'hekk tigi stbbilita rata wahda ghar-raba kollu.*

***Domanda nru 3**: B'referenza ghall-paragrafu ittra "B" fir-rapport addizzjonali tal-Periti Membri tad-9 ta" Novembru 2017, fejn jinghad li "mhux prattikabbli li wiehed jissegragah mill-bqija tar-raba" jistghu 1-Periti Membri jikkonfermaw jekk din I-osservazzjoni tapplikax ghall-ghalga msejha "Tal-Andar" biss, ghall-ghalga msejha "Tal-Port" biss, jew ghat-tnejn li huma, stante li fir- rapport originali tas-26 ta' April 2016, il-Periti Membri kienu diga kkummentaw li fir-rigward tal-ghalqa "Tal-Port", "huwa fizikament possibbli li l-medda ta' blat bil-harrub tigi segregate mill-bqja tar-raba' l-iehor u li jigi furmat access separate ghalith".*

***Domanda nru 4**: B'referenza ghall-osservazzjoni tal-Periti Membri li fir-rigward ghall-ghalga "Tal-Port" jista "jigi furmat access separate ghalih", jaqblu I-istess Periti Membri li jidher li diga jezistu ZEWG wiehed min-naha tax-xellug, li jaghti ghall-ghalqa numru wiehed (1) u iehor min-naha tal-lemin, ma genb l-ghalqa numru hamsa (5) li propju jifred il-parti tax-xaghri mir-raba' li jinhadem?*

***Risposta ghad-domandi numru 3 u 4**: Rigward segregazzjoni tar-raba I-kummenti fir-rapport huma cari bizzeijed izda mhux kompitu tal-membri teknici tal-Bord li jiddeciedu fuq is-segregazzjoni tar-raba u ma sarit talba formali fir-rikors, jekk dan jista jsir.*

***Domanda nru 5**: Jistghu I-Periti Membri jikkonfermaw jekk il-hitan li jidawwru l-artijiet mertu ta' din il-kawza humiex mizmumin sew jew ghandhomx bzonn ta' manutenzjoni?*

***Risposta**: Nirreferik ghar-rapport tekniku para.4 taht mill-hitan tas-seijiegh kien pjuttost imharbat (ri. Nru 6). Altrimenti I-hitan, li hafna minnhom huma baxxi, kienu fi stat accettabbli, ghalkemm ghandhom bzonn xi ftit manutenzjoni.*

***Domanda nru 6**: Jistghu I-Periti Membri jikkonfermaw ukoll jekk l-artijiet fihomx xi strutturi u l-uzu tal-istress strutturi u dan b'referenza partikolari ghar-ritratti markati "Photo 4", "Photo 19" u "Photo 20" fir-rapport originali tal-Periti Membri tas-26 ta' April 2016? Jistghu l-Periti Membri jikkonfermaw jekk dawn listrutturi humiex koperti minn permessi tal-ippjanar, b' mod partikolari 1-istruttura li tidher f"Photo 20".*

***Risposta**: F'dan ir-raba, hemm xi strutturi zghar, fosthom 'girna' (li hija fi stat tajjeb u ma ghandha ebda uzu prezentement), kamra li fiha hemm 'borehole' tal-Gvern, u dura, li kollha qeghdin fil-parti maghrufa Tal-Port'. Huwa pero' kompitu tar-rikorrent li jikkekkja/jivverifika jekk hemmx permessi tal-bini jew le u mhux tal-membri tal-Bord.*

## Ikkunsidrat

Jirrizulta ben ippruvat, mill-assjem tal-provi, illi r-raba, fil-parti sostanzjali taghha, hija raba illi qieghda tinhadem mill-intimati filwaqt illi l-parti illi ma tistax tinhadem hija xaghri u li tinsab fl-ghalqa imsejjha ‘Tal-Port’ hija parti intrinsika tal-ghalqa kollha u ghalhekk, kif qalu l-Membri

Teknici korrettement *"mhux prattikabbli li wiehed issegregah mill-bqija tar-raba, anke minhabba li jrid jigi kkrejat access minn fuq ir-raba l-iehor".*

Jirrizulta illi fuq talba tas-socjeta rikorrenti sabiex jigi stabbilit il-qbiela gusta dovuta mill-intimati fuq tali art meritu tal-kawza odjerna, illi sa llum kienu qed ihallsu dsatax-il Euro (€19), il-Membri Teknici ghamlu l-konsiderazzjoniet taghhom u waslu ghall-konkluzjoni illi l-qbiela gusta illi ghandha tithallas ghandha tkun ta' €180 ghar-raba kollha. Il-Bord ma jara ebda raguni ghaliex ma ghandhux jaghmel bhala tieghu tali konkluzjonijet.

Jirrizulta, finalment, illi s-socjeta rikorrenti talbet illi jigu imposti fuq l-intimati varji kondizzjonijiet, li kienu s-segwenti:

1. jordna li l-intimati jew min minnhom ikunu wahedhom responsabbli ghal kwalunkwe manutenzjoni jew tiswija, sija ordinarja kemm straordinarja;

2. jordna li l-intimati jkun projbiti milli tissullokaw u/jew icedu b'mod shih jew in parti l-inkwilinat tal-ghalqa;

3. jordna li l-intimati jkunu projbiti milli jaghtu lil terzi kwalunkwe dritt ta' uzu, inkluz ghal kacca, anke ta' xi parti mill-ghalqa, jew li jippermettu lil terzi, anke bla hlas, li jaghmlu uzu minnha

4. jordna li l-intimati jew min minnhom ikunu projbiti milli jissullokaw u/jew icedu b'mod shih jew in parti l-inkwilinat tal-ghalga, u li jkunu projbiti wkoll milli jaghtu lil terzi kwalunkwe dritt ta' uzu, inkluz, ghal kacca, anke ta' xi parti mill-ghalqa, jew li jippermettu lil terzi, anke bla hlas, li jaghmlu uzu minnha.

Jirrizulta illi r-raba talba fuq indikata hija riassunt tat-tieni u tielet talba fuq rassunt, u ghalhekk il-Bord mhix ser jikkonsidraha.

Jirrizulta illi l-ewwel u t-tieni talba fuq indikat ssemmi kundizzjonijiet illi l-intimati huma gia obbligati illi jaghmlu a tenur tal-Ligi, u ghalhekk, filwaqt illi dawna huwa gia kkontemplati fil-Ligi, jisthoqq illi jigu kkonfermati.

Jirrizulta illi t-tielet talba, ossija illi tipproibixxi lill-intimati "*milli jaghtu lil terzi kwalunkwe dritt ta' uzu, inkluz, ghal kacca, anke ta' xi parti mill-ghalqa, jew li jippermettu lil terzi, anke bla hlas, li jaghmlu uzu minnha*" hija talba gustifikata u tisthoqq illi tintlaqa' stante illi r-raba hija mqabbla ghall-produzzjoni agrarja, bir-rizultat illi l-utilizz tal-ghalqa jew parti minnha ghal ragunijiet ta' kacca minn terzi persuni bil-kunsens ta' l-intimati ghandu jitqies bhala ksur tal-kundizzjonijiet tal-qbiela taghhom.

**Konkluzjoni**

Il-Bord,

Wara illi ra id-dokumentazzjoni kollha prodotta u x-xhieda imressqa quddiem il-Bord

Wara illi ra ir-rapport u rapport addizzjoni tal-Membri Teknici kif ukoll id-domandi in eskussjoni w ir-risposti ta' l-istess Membri Teknici

Jghaddi biex jaqta u jiddeciedi l-kaz billi

**Jichad** l-eccezzjonjiet ta’ l-intimati limitatament kif gej, u ghalhekk

**Jilqa** t-talba rikorrenti limitatament kif gej:

**Jichad** it-talba tas-socjeta rikorrenti ghar-ripreza ta’ parti mill-art kif minnha mitlub;

**Jilqa** t-talba tas-socjeta rikorrenti ghal-awment tal-qbiela ta' zewg porzjonijiet ta' art maghrufa bl-ismijiet "Tal-Port” u “Tal-Andar”, fiz-Zebbiegh, Mgarr, Malta, liema qbiela ghandha tizdied minn €19 fis-sena ghal €180 fis-sena b’effett mill-15 ta’ Awissu 2018.

**Jilqa** t-talba tas-socjeta ghal varjazzjonijiet tal-kundizzjonjiet tal-qbiela ta' zewg porzjonijiet ta' art maghrufa bl-ismijiet "Tal-Port” u “Tal-Andar”, fiz-Zebbiegh, Mgarr, Malta, u dana billi

**Jordna** li l-intimati biex wahedhom ikunu responsabbli ghal kwalunkwe manutenzjoni jew tiswija, sija ordinarja kemm straordinarja ta’l-art meritu tal-kawza odjerna;

**Jordna** li l-intimati huma projbiti milli tissullokaw u/jew icedu b'mod shih jew in parti l-inkwilinat tal-ghalqa;

**Jordna** li l-intimati jkunu projbiti milli jaghtu lil terzi kwalunkwe dritt ta' uzu, inkluz ghal kacca, anke ta' xi parti mill-ghalqa, jew li jippermettu lil terzi, anke bla hlas, li jaghmlu uzu minnha.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu a kariku ta’ l-intimati in solidum bejniethom

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur